Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 359/00

Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma

Vs

Edward Borg

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tliet liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm803.25c) dovuti minnu lilha kwantu ghas-somma ta' sitt mija tnejn u disghin liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm692.34c) ghal ilma li ttiehed minnu minghajr ma kien registrat f'meter fil-fond Villa Fleur, Triq il-Militar, Madliena fit-23 ta' Gunju, 1995 u fix-xhur ta' qabel u kwantu ghas-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm110.91c) bhala rimborz ta' l-ispejjez ta' l-ispezzjoni li saret mill-Korporazzjoni fl-istess fond u fl-istess data.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar, 2000, kontra l-konvenut, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici. Rat illi b'nota prezentata mill-Korporazzjoni attrici fis-seduta tal-lum stess permezz ta' liema rrinunzjaw ghas-sorte izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez, ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet il-provi prodotti mill-Korporazzjoni attrici, issib illi t-talba attrici ghall-ispejjez tirrizulta gustifikata u ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici dwar l-ispejjez.

Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ispejjez tal-kawza.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg